

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili Dokumenti Pubbliċi](#) > [Netherlands](#)

## Dokumenti pubbliċi

Olanda

Olanda

L-Artikolu 24(1)(a) - lingwi aċċettati mill-Istat Membru għad-dokumenti pubbliċi biex jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet tiegħu skont il-punt (a) tal-Artikolu 6(1)

Jiġu aċċettati biss dokumenti bl-Olandiż.

L-Artikolu 24(1)(b) - lista indikattiva ta' dokumenti pubbliċi li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament

Id-dokumenti pubbliċi kollha msemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament, bl-eċċezzjoni tad-dokumenti dwar il-kapaċità ta' dħul fi sħubija reġistrata u l-istatus ta' sħubija reġistrata (it-tieni parti tal-punt (g)), u d-dokumenti dwar in-nuqqas ta' fedina penali (il-punt (m)), minħabba li n-Netherlands ma jużax dokumenti bħal dawn. Eżempji ta' dokumenti pubbliċi koperti mir-Regolament huma l-atti relatati ma':

- a) it-twelid;
- b) li persuna tkun ħajja;
- c) il-mewt;
- d) l-isem;
- e) iż-żwieġ, inklużi l-kapaċità għaż-żwieġ u l-istat ċivili;
- f) id-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ;
- g) is-sħubija reġistrata;
- h) ix-xoljiment ta' sħubija reġistrata, is-separazzjoni legali jew l-annullament ta' sħubija reġistrata;
- i) il-paternità;
- j) l-adozzjoni;
- k) id-domiċilju u/jew ir-residenza;
- l) in-nazzjonalità.

L-Artikolu 24(1)(c) - il-lista ta' dokumenti pubbliċi li magħhom jistgħu jiġu mehmuża l-formoli standard multilingwi bħala għajnuna adatta għat-traduzzjoni

Dokumenti dwar it-twelid, li persuna tkun ħajja, il-mewt, iż-żwieġ, il-kapaċità għaż-żwieġ, l-istat ċivili, is-sħubija reġistrata u d-domiċilju u/jew ir-residenza.

L-Artikolu 24(1)(d) - il-listi ta' persuni kkwalfikati, f'konformità mal-liġi nazzjonali, biex iwettqu

traduzzjonijiet iċċertifikati, meta tali listi jkunu jeżistu

Lista sfiha ta' interpreti u tradutturi ġuramentati tista' tinstab fir-[Regjistru ta' interpreti u tradutturi ġuramentati](#).

L-Artikolu 24(1)(e) - lista indikattiva ta' tipi ta' awtoritajiet awtorizzati mil-liġi nazzjonali sabiex jagħmlu kopji ċċertifikati

- Il-muniċipalitajiet għad-dokumenti pubbliċi li huma awtorizzati joħroġu;
- L-uffiċċji konsulari għad-dokumenti pubbliċi li huma awtorizzati joħroġu.

L-Artikolu 24(1)(f) - informazzjoni dwar il-mezzi li bihom traduzzjonijiet iċċertifikati u kopji ċċertifikati jistgħu jiġu identifikati

Il-kopji ċċertifikati għandhom jiddikjaraw li l-informazzjoni li jkun fihom tkun meħuda mill-oriġinal jew minn bażi ta' *data*. Il-kopja jkollha l-firma tal-uffiċjal li jkollu l-kompetenza biex joħroġ id-dokument u tindika l-post u d-data tal-ħruġ tad-dokument. Il-kopja normalment ikollha wkoll timbru uffiċjali.

Il-kopji veri ċċertifikati għandhom jiddikjaraw li d-dokument jikkorrispondi għall-oriġinal. Il-kopja jkollha l-firma tal-uffiċjal li jkollu l-kompetenza biex joħroġ id-dokument u tindika l-post u d-data tal-ħruġ tad-dokument.

L-Artikolu 24(1)(g) - informazzjoni dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-kopji ċċertifikati

Il-kopji veri ċċertifikati għandhom jiddikjaraw li d-dokument jikkorrispondi għall-oriġinal. Il-kopja jkollha l-firma tal-uffiċjal li jkollu l-kompetenza biex joħroġ id-dokument u tindika l-post u d-data tal-ħruġ tad-dokument.

■ L-aħħar aġġornament: 20/11/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.